MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 979/1999/1

**Anthony Camilleri**
**v.**
**John Hinton**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta’ elfejn erbgha mija u hamsa u sebghin lira (M2,475) bilanc ta’ prezz ta’ servigi lilu resi konsistenti f’ maggaginagg (*sic*), irmonk, varar u gbid mill-bahar tal-lanca ta’ l-ghamla *Chris Craft* tal-konvenut, kif ukoll ta’ xoghol fl-istess lanca u fornitura ta’ materjali ghall-istess, u dana kollu kif jirrizulta mill-kont

anness u markat Dok. AC1; illi l-konvenut, interpellat diversi drabi sabiex ihallas u jnehhi l-lanca mill-*yard* ta' l-attur baqa' inadempjenti; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta' l-attur il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet oppozitorji x'jaghti ghat-talba ta' l-istess attur; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex, dispensat is-smigh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta u in vista ta' l-*affidavit* ta' l-attur, anness u markat Dok. AC2: 1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija u hamsa u sebghin lira (Lm2,475) bhala bilanc ta' prezz ta' servigi, xoghol u materjali lilu provduti kif fuq intqal; 2. tikkundanna lill-konvenut ihallhas lill-attur l-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagamenti kienu dovuti u dana skond l-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru, 1998 debitament notifikata lill-istess konvenut; bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji tas-7 ta' Ottubru, 1998 u tal-21 ta' Ottubru, 1998, ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1998 u tal-konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskrittra a tenur ta' l-Artikoli 2147(d) u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv stante illi l-attur ma pprestax s-servizzi tieghu lill-konvenut tul il-perjodu kollu msemmi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, ir-rati li bihom giet ikkalkolata s-somma pretiza m'humiex dawk miftehma bejn il-partijiet, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi inoltre l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut stante li hemm lok li ssir tpacija, sew ghaliex il-konvenut ippresta s-servizzi tieghu lill-attur, ghal liema xoghol huwa baqa' ma thallasx, kif ukoll ghaliex gie nieqes certu materjal, apparat u *spare parts* minn fuq id-daghjsa in kwistjoni meta din kienet fil-kura u kustodja ta' l-attur;

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici - b'dan illi l-imghax huwa dovut "mid-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri u cioè mid-29 ta' April 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament" - spejjez kollha kontra l-konvenut, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"L-attur qed jippretendi li huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elfejn, erba' mija, u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm2,475) bilanc ta' somma akbar prezz ta' certi servigi resi mill-attur ghall-beneficcju tal-konvenut. Skond l-attur dawn is-servigi jikkonsistu f'maggaginagg [*sic*], irmonk, varar u gbid mill-bahar tal-lanca ta' l-ghamla *Chris Craft* proprjetà tal-konvenut, u jinkludu ukoll il-prezz ta' xoghol fuq l-istess lanca u fornitura ta' materjali. L-attur qed jitlob il-kanonizzazzjoni ta' l-imsemmi kreditu;

"Da parti tieghu il-konvenut qed jeccepixxi illi t-talba attrici hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 2146(d) u 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Subordinatament il-konvenut qed jissottometti illi l-ammont mitlub hu eccessiv stante illi s-servizzi ma gewx prestati mill-attur tul il-perijodu kollu reklamat mill-istess attur. Inoltre l-konvenut qed jippretendi li r-rati li bihom ikkalkola l-attur mhumiex dawk miftiehma u hemm lok li ssir tpacija, sew ghaliex il-konvenut ippresta s-servizzi tieghu lill-attur, kif ukoll ghaliex il-konvenut sab li certu materjal, apparat u *spare*

*parts* naqqsu minn fuq id-dghajsa meta din kienet fil-kustodja ta' l-attur;

"Fl-ewwel lok trid tigi esaminata u deciza l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Jidher li fil-pendenza ta' dawn il-proceduri l-konvenut abbanduna din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. In effett huwa naqas li jghamel provi specifikatament dwar din l-eccezzjoni. Il-konvenut, dejjem ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari jghamel referenza ghall-artikolu 2146(d) tal-Kodici Civili, liema artikolu ma jesistix. Inoltre l-konvenut jghamel referenza ghall-provvediment ta' l-[artikolu] 2156(f) dejjem tal-Kodici Civili. Dan hu artikolu, li jista' jigi definit bhala ta' natura generali, li jipprovdi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjoni kummercjali jew minn hwejjeg ohra jaqa' bil-preskrizzjoni ta' hames (5) snin u dana meta l-istess kreditu ma jirrizultax li jaqa' bi preskrizzjoni iqsar. Kif già gie rilevat il-konvenut naqas li jipproduci provi u naqas li jghamel sottomissjomnijiet dwar din l-eccezzjoni. In vista ta' dan ma jistax jinghad li jirrizulta li dawn l-imsemmija provedimenti huma applikabbli ghal dan il-kaz. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda. Ghal kull buon fini ghandu jinghad ukoll li jidher li l-konvenut diversi drabi ammetta li kellu jaghti l-ammonti in kwestjoni;

"Is-sottomissjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut ma jirrizultawx sufficjentement pruvati. Jidher li l-kont ta' l-attur hu bbazat fuq ir-rati kurrenti li ukoll tbiddlu maz-zminijiet u li jidher li l-konvenut kien jaf bihom. Jidher inoltre li d-dghajsa tal-konvenut inzammet fil-*yard* ta' l-attur ghall periodi twal u ma jirrizultax sufficjentement li l-periodi indikati mill-attur huma zbaljati. Il-konvenut jippretendi li ghandha ssir tpacija in vista tal-fatt li huwa ghamel xi xoghol a favur ta' l-attur. Dan bl-ebda mod ma gie ppruvat, kif ukoll ma giex ipprovat li xi materjal, apparat u *spare parts* naqqsu minn fuq id-dghajsa meta din kienet fil-kustodja ta' l-attur;

"Minn naha l-ohra t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti. Di fatti jirrizulta

li l-attur igestixxi *Boat Yard* u rrenda servigi lill-konvenut billi zamm ghandu fl-imsemmi *yard* lanca *Chris Craft*, bl-isem *Summertime 2* proprjetà ta' l-istess konvenut. Jirrizulta li l-attur irrenda varji servizzi ohra bhal ma huma l-irmonk, varar u gbid mill-bahar tal-bicca tal-bahar in kwestjoni. Jirrizulta li saru xogholijiet ohra u li xi [*recte*: gie] fornit xi materjal";

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, preliminarjament talab lil dina l-Qorti illi tannulla s-sentenza appellata u illi, f'kaz li l-ewwel talba tigi respinta, tigi revokata l-istess sentenza, u minflok jigu milqugha l-eccezzjonijiet ta' l-appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat illi ma jirrizultax illi l-attur appellat ipprezenta risposta ghar-rikors ta' appell tal-konvenut;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… l-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici, li kif gjà inghad, kienet ibbazata parzjalment fuq l-allegata fornitura ta' materjali, meta l-attur appellat l-anqas biss ma ressaq prova f'dan ir-rigward";

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell:
"Ghar-rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut appellant, jinghad bir-rispett illi l-ewwel Qorti ghamlet zball serju li wassal ghall-konkluzjoni erronja taghha. Dan ghaliex il-konvenut appellant eccepixxa l-preskrizzjoni primarjament a bazi ta' l-artikolu **2147(d)** tal-Kap. 16. Ghal xi raguni, x'aktarx bi zvista, l-ewwel Qorti hasbet illi l-artikolu citat kien 2146(d) u mhux 2147(d), liema disposizzjoni ma tezistix. B'hekk l-ewwel Qorti

kkonkludiet li l-konvenut appellant iccita artikolu li ma jezistix”;

3. Illi meta l-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi prodotti,
illi wassalha sabiex tirrespingi l-eccezzjonijiet ta’ l-appellant u sabiex tilqa’ t-talbiet attrici, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… kienet kundizzjonata bl-impressjoni hazina li hadet ta’ l-appellant, u dan kagun ta’ l-apprezzament hazin u zbaljat li ghamlet l-istess Qorti” meta kkonkludiet illi l-konvenut eccepixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta’ dispozizzjoni tal-ligi illi ma tezistix;

Ikkunsidrat:

Illi, peress illi t-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-appellant quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, liema eccezzjoni hija fit-termini segwenti:
“Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikoli <u>2147(d)</u> u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

huwa imperattiv illi dan l-aggravju jigi konsidrat qabel l-aggravji l-ohra. Dana peress illi huwa f’kaz illi t-tieni aggravju jigi respint u illi tigi konfermata s-sentenza appellata kwantu cahdet l-imsemmija eccezzjoni tal-preskrizzjoni illi jkun hemm il-necessità illi jigu trattati l-aggravji l-ohra;

Huwa utili illi jerga’ jigi hawn riprodott dak illi jinghad fis-sentenza appellata meta kienet qed tigi konsidrata l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut (fol. 43):
“Fl-ewwel lok trid tigi esaminata u deciza l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Jidher li fil-pendenza ta’ dawn il-proceduri l-konvenut abbanduna din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. In effett huwa naqas li jghamel provi specifikatament dwar din l-eccezzjoni. <u>Il-konvenut</u>, dejjem ghar-rigward ta’ din l-eccezzjoni preliminari <u>jghamel referenza ghall-artikolu 2146(d) tal-Kodici Civili</u>, liema artikolu ma jesistix. Inoltre l-konvenut jghamel referenza ghall-provedimenti ta’ l-[artikolu] 2156(f) dejjem

tal-Kodici Civili. … Kif già gie rilevat il-konvenut naqas li jipproduci provi u naqas li jghamel sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni. In vista ta' dan ma jistax jinghad li jirrizulta li dawn l-imsemmija provedimenti huma applikabbli ghal dan il-kaz. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Minn dak illi jirrizulta mill-partijiet sottolineati minn dina l-Qorti ta' l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut u tas-silta appena citata mis-sentenza appellata huwa evidenti illi l-appellant ghandu ragun jilmenta, fl-aggravju tieghu in ezami, illi: "Ghal xi raguni, x'aktarx bi zvista, l-ewwel Qorti hasbet illi l-artikolu citat kien 2146(d) u mhux 2147(d) …". Però, indipendentement minn dan l-izball ta' l-ewwel Qorti, xorta wahda hemm lok ghac-cahda ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici - sollevata *ai termini* kemm ta' l-artikolu 2147(d) u kemm ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili - b'dan illi r-raguni ghac-cahda, kif sejjer issa inghad, hija differenti mir-ragunijiet illi jirrizultaw mis-silta appena citata tas-sentenza appellata. Infatti, permezz tat-tieni (2) eccezzjoni, sollevata quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenut qed jissottometti illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tieghu, l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv u, permezz tar-raba' (4) eccezzjoni, ukoll sollevata quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenut issottometta illi "… l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut stante li hemm lok li ssir tpacija …". Kif gie ritenut mill-Qrati taghna diversi drabi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bhal dik in ezami ma tistax tintlaqa' peress illi hija inkompatibbli ma' eccezzjoni illi l-ammont reklamat huwa esagerat jew kompensat ma' ammont pretiz mill-konvenut, anke jekk tali eccezzjoni tinghata minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni (ara P.A. 29/1/60 *Fenech v. Bellia*, App. (Sede Inferjuri) 29/1/98 *Attard Gialanzè v. Rizzo* u s-sentenzi ta' dina l-Qorti 5/10/01 *Vella v. Cefai* u 16/2/04 *Aluminium Limited v. Earli Limited*);

Ikkunsidrat:

Illi, la darba, kif già inghad, hemm lok ghac-cahda ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa issa opportun illi jigu

konsidrati l-ewwel (1) u t-tielet (3) aggravji ta' l-appellant. Dawn l-ahhar imsemmija aggravji, però, iridu necessarjament jigu konsidrati fid-dawl ta' prova gdida prodotta fil-mori ta' dan l-appell. Din il-prova tikkonsisti fil-produzzjoni da parti ta' l-appellant tad-dokument markat XYZ (fol. 54), liema produzzjoni giet awtorizzata minn dina l-Qorti permezz ta' digriet moghti waqt l-udjenza tas-sittax (16) ta' Marzu, 2004 (fol. 56);

Id-dokument XYZ huwa *invoice*, datata ghoxrin (20) ta' April, 1991, illi tirrigwarda in-negozju involut fil-kawza odjerna u illi ma hemmx dubbju illi inharget mill-attur. Dan id-dokument huwa interessanti kemm ghall-fini tal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel (1) u tat-tielet (3) aggravji ta' l-appellant u kemm ghall-fini tad-determinazzjoni finali tat-talba attrici;

Kwantu ghall-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant, kuntrarjament ghal dak illi ssottometta l-appellant, ma jistax jinghad illi "… fuq l-allegata fornitura ta' materjali … l-attur appellat l-anqas biss ma ressaq prova …". Infatti, fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, annessa ma' l-att ta' citazzjoni (fol. 3), fost affarijiet ohra, jinghad hekk:
"… l-esponent … lill-konvenut …, skond l-anness *statement* Dok. AC1, … ipproddielu [*recte*: ipprovdielu] materjali …";

M'hemmx dubbju illi dawn il-"materjali" huma dawk illi fl-imsemmi dokument AC1 (a fol.5) huma indikati bhala *one (1) propeller 14 x 12*, *one (1) stainless steel transmission shaft* u *one (1) new cross and stainless steel nuts and bolts*. Hawn jidhol fix-xena d-dokument XYZ esebit mill-appellant fil-mori ta' dan l-appell. Infatti, l-appellant mhux qed jikkontesta l-kontenut ta' dan l-ahhar imsemmi dokument u, f'dan id-dokument jissemmew precizament *1 Propeller*, *1 Stainless steel shaft*, *1 New* [kelma illegibbli, forsi *reversal*] *cross and bolts*. Zgur illi, fl-istat attwali tal-provi, l-appellant ma jistax ikompli jinsisti illi ma hemmx prova dwar fornitura lilu mill-attur "ta' materjali". Kwantu ghall-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant huwa verament il-kaz illi l-attur appellat jghid *salus ex inimicis nostris*, ghaliex, kif jidher mill-kontenut ta' dan il-paragrafu, dan l-

aggravju mhux fondat, primarjament minhabba l-kontenut tad-dokument XYZ;

Illi, però, irid jinghad ukoll illi d-dokument XYZ huwa, ghal dak illi jirrigwarda lill-attur appellat, xabla b'zewgt ixfar. Dana peress illi, minn naha wahda, kif già inghad, dan id-dokument huwa ta' beneficcju ghall-appellat ghaliex kien strumentali sabiex l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant jigi dikjarat infondat u illi, min-naha l-ohra, il-kontenut ta' l-istess dokument jhezzez il-pedamenti tal-kredibilità ta' l-istess appellat. Infatti, meta jsir paragun bejn il-kontenut tad-dokument XYZ u dak tad-dokument AC1, jirrizulta *ictu oculi* illi, biex jittiehed ezempju, filwaqt illi skond l-*invoice*, dokument XYZ (datat 20/4/91), ghall-magazzinagg tal-lanca in kwistjoni ghas-sena ta' bejn l-ewwel (1) ta' Settembru, 1990 u l-wiehed u tletin (31) ta' Awissu, 1991 l-attur qed jitlob hlas ta' mija u ghoxrin lira maltija (Lm120), il-hlas illi qed jesigi l-appellat, ghall-istess skop u ghall-istess perijodu, fl-i*statement* dokument AC1 (datat *28th April 1999*) huwa mija u tmenin lira maltija (Lm180), differenza mhux zghira ta' sittin lira maltija (Lm60). Ezempju iehor ta' diskrepanza bejn l-*invoice* u l-i*statement* jirrigwarda l-prezz globali ta' l-oggetti, hawn fuq elenkati, forniti mill-appellat lill-appellant: fl-*invoice* sitta u erbghin lira (Lm46) u fl-i*statement* hamsa u sebghin lira (Lm75), differenza ta' disgha u ghoxrin lira (Lm29). In vista ta' dawn id-diskrepanzi, dina l-Qorti sejra issa tistabilixxi mill-gdid l-ammont realment dovut mill-appellant lill-appellat; dan sejra taghmlu fid-dawl tas-segwenti fatturi u konsiderazzjonijiet:

(i) sorvolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-appellant ghadu debitur lejn l-appellat; huwa l-*quantum* tad-debitu illi huwa kontestat;

(ii) dina l-Qorti hija tal-fehma illi, sabiex jigi stabbilit l-ammont dovut, ghandu jittiehed bhala bazi l-kontenut tad-dokument XYZ;

(iii) il-verzjoni tal-fatti kif temergi mill-provi ta' l-appellat ftit illi xejn hija attendibbli;

Dan stabbilit, dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti processwali bir-reqqa, hija tal-fehma illi l-ammont realment dovut mill-appellant lill-appellat - sa dakinhar illi giet intavolata l-kawza - huwa dak illi jirrizulta mis-segwenti:

- magazzinagg tal-lanca minn Settembru 1990 bir-rata ta' Lm120 kull sena: Lm1200.00

- *towing* f' 2 okkazjonijiet (u mhux f'4, kif jippretendi l-appellat): 100.00

- oggetti forniti: 46.00

- *hoisting and placing of engine on it's bed*: 10.00

- *mooring rent*: <u>180.00</u>

- B'kollox: <u>Lm1536.00</u>

Minn dan l-ammont ta' elf, hames mija u sitta u tletin lira maltija (Lm1536) irid jitnaqqas l-ammont illi l-appellat stess, fl-i*statement* dokument AC1, jammetti illi ghandu jitnaqqas: *Payment on account Lm100* [dan jirrizulta wkoll mid-dokument XYZ] *& credit for electrical wiring Lm180*: *Lm280*. Ghalhekk l-ammont finali dovut mill-appellant lill-appellat huwa ta' elf, mitejn u sitta u hamsin lira (Lm1256);

Tajjeb illi jigi rilevat illi, peress illi dina l-Qorti vvalutat mill-gdid il-provi kollha prodotti fid-dawl tad-dokument esebit fil-mori ta' dan l-appell, ma hemmx lok ghal konsiderazzjoni ulterjuri tat-tielet (3) aggravju ta' l-appellant;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi:

(i) tikkonfermaha kwantu cahdet l-ewwel (1), ir-raba (4) u l-hames (5) eccezzjonijiet tal-konvenut u kwantu laqghet it-tieni (2) talba attrici billi kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas l-“imghax skond il-ligi mid-data tal-presentata ta’ dawn il-proceduri u cioè mid-29 ta’ April 1999 sad-data ta’ l-effettiv pagament”;

(ii) tirrevokaha ghall-kumplament;

(iii) tilqa’ t-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet tal-konvenut;

(iv) tilqa’ l-ewwel (1) talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mitejn u sitta u hamsin lira Maltija (Lm1256);

Tordna illi l-ispejjez kollha tal-kawza, kemm dawk ta’ l-ewwel istanza u kemm dawk ta’ din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-attur appellat u kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------